# Minuti tat-Tlieta u Sebgħin (73) il-laqgħa
# tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
# Nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2011 fis-7:30 p.m.
# (Laqgħa b'Urġenza)

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet u Offerti.** Din il-laqgħa b'urġenza issejħet peress li l-Christmas Market jinsab tlett ġimgħat il-bogħod u hemm bzonn li jiġu aġġudikati l-kwotazzjoni inkonnessjoni ma din l-attivita. Hawn taħt jidhru l-kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva:

   *Sistema tad-dawl għal taħt it-tinda*:

   Michno Lighting €898 jew €1199
   D'Illumination €896.80
   Sourcelite €899

   Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni li hi l-aktar waħda vantaġjuza ta' D'Illumination.

   *Sistema tal-PA*

   Powersound €885
   AV Warehouse €1340

   Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni l-aktar waħda vantaġjuza li hija ta' Powersound

   *Kiri ta' Marquee*

   A&S Signs & Events €3500 + VAT
   Leon Promotions €4030
   MFCC €6500 +VAT

Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni l-aktar vantaġjuza li hija ta' Leon Promotions.

*Tizjin ta' Toroq*

D'Illumination €2011.90 (Triq Dicembru 13 jew parti minn Triq il-Knisja u Pjazza San Pietru u San Pawl
Chris Gauci €1680 (Triq Dicembru 13, parti minn Triq il-Knisja u Pjazza San Pietru u San Pawl
Michno Lighting €220 kull vent (Triq Dicembru 13); €300 kull vent (Pjazza San Pietru u San Pawl); €250 kull vent (Triq il-Knisja)

Il-Kunsill għazel l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuza li hija ta' Chris Gauci.

Il-Kunsill fetaħ ukoll offerti tas-supply ta' brazzi ornamentali għal Triq Dicembru 13.

Dawn huma:

Rapa Showrooms €15024 jew €9720

Altern Ltd. €969.49 each jew €1214.93 each jew €1419.20

Richard Cauchi €17,880 jew €18324

Il-Kunsill ma ħax decizjoni dwar dawn. Ser jgħaddi l-informazzjoni lill-Contract Manager sabiex jiġu evalwati.

3. **Bankijiet fi Triq San Ġakbu.** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li daħlu zewġ ilmenti dwar il-bank li reġa twaħal fi Triq San Gakbu partikolarment il-bank fin-naħa tal-forn. Ir-resident tad-dar fejn twaħħal dan il-bank ilmenta li maridux hemm kif ukoll ir-residenti ta' faccata tal-bank. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li saret talba għall-bankina fl-istess post fejn twaħħal il-bank. Il-Kunsill iddecieda li jistenna li ssir il-bankina u wara jara dwar dan il-bank.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru fis-7:30 p.m.